**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA**

minn JOSEPH SERRACINO

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (37)



Karmenu Grech (tal-Posta) u Pietru Farrugia (it-Tinejt) jippożaw għar-ritratt wara r-rebħ tal-palju tad-dgħajjes ta' Bi Tnejn fis-snin 30

Fl-artiklu tal-ġimgħa l-oħra, slitna xi siltiet minn bċejjeċ ta' laqgħat li jien kelli ma' Matty Grima, li għalkemm dejjem fittixt li nagħmillu intervista interessanti dwar l-involviment tiegħu fir-Regatta Nazzjonali qatt ma rnexxieli, għax kull darba li ltqajt miegħu, dejjem ħallejna għal darba oħra minħabba l-impenji tiegħu. Se nibda l-artikli tiegħi tal-lum, b'żewġ siltiet oħra interessanti:

*Matty, jien inqisek bħal munita bl-istess wiċċ fuq iż-żewġ naħat tagħha – fuq naħa l-president tal-Assoċjazzjoni tar-Regatta u fuq in-naħa l-oħra l-president tal-Club ta' Bormla. Kemm domt tokkupa dawn il-karigi? Ġieli waqt it-tiġrija nqalgħet xi kwistjoni bħal dik li semmejna tal-1977, fejn fiha kien involut il-club ta' Bormla, u int, bħala president tal-club, kellek tidħol fiha?*

"Iva u biex ngħidlek tiddejjaq ħafna. Fil-fatt nimmaġina li kull min ikun president tal-Assoċjazzjoni u fl-istess ħin president tal-club tiegħu ma jieħux pjaċir li jinqabad fiha.

"Kultant tiġi f'sitwazzjoni li tkun tixtieq li int sempliċiment dilettant jew spettatur. Għaliex qed ngħid hekk? .... għax għalkemm jien nokkupa l-kariga ta' president tal-Association tar-Regatta, xorta waħda jien nibqa' Bormliż, u bħala tali nixtieq li d-distrett tiegħi jikseb suċċess.

"Kultant il-ferħ trid iż-żommu f'qalbek għax il-pożizzjoni tiegħi hi waħda delikata iżda b'danakollu jien bniedem bħal ħaddieħor u f'xi ħin jew ieħor trid turi s-sodifazzjon tiegħek mal-qaddiefa meta jirnexxielhom jirbħu xi tiġrija akkanita.

"Huwa veru li kultant tiġi f'sitwazzjoni, fejn f'għajnejn dak li jkun, tidher li qed tgħin id-distrett tiegħek, b'mod speċjali meta kultant jinqala' nuqqas ta' ftehim fejn jidħlu l-*photo finish*."

"Iżda għidli int ... jekk in kwistjoni jkollok id-dgħajsa tiegħek, mhux jien, bħala President tal-lokal, irrid nidħol niddiskuti ... b'danakollu, naċċertak li kien hemm sitwazzjonijiet oħra fejn jien għent ħafna biex jiġu solvuti kwistjonijiet li nqalgħu bejn il-clubs li kienu jaħirqu ħafna, u li setgħu kienu ta' ħsara kbira għat-Tiġrija tal-Vitorja."

*Tkellimna dwar ir-Regatta ta' Jum il-Ħelsien u r-Regatta Nazzjonali tat-8 ta' Settembru ... x'appell tagħmel lill-partitarji tal-clubs u d-dilettanti ta' dawn it-tiġrijiet?*

"Issa li għandna tiġrija oħra li ssir fil-31 ta' Marzu - nittama li din it-tiġrija ssir popolari, u li fiha jibqgħu jieħdu sehem fiha qaddiefa żgħażagħ bħala preparazzjoni għat-tiġrija l-kbira - kif aħna mdorrijin insejħu lit-Tiġrija tal-Vitorja.

"Jien nemmen li kull kumitat distrettwali, jekk veramentjixtieq li dawn it-tiġrijiet tradizzjonali jibqgħu ħajjin fost il-poplu tagħna għandu d-dmir u l-obbligu li jkompli jħarreġ qaddiefa ġodda, biex ta' kull sena, kemm it-Tiġrija ta' Jum il-Ħelsien, kif ukoll dik Nazzjonali tat-8 ta' Settembru, nibqgħu nsibu qaddiefa biex nonorawha f'Jum Nazzjonali tagħna, inkomplu ngawduha aħna u nżommuha ħajja għal uliedna u dawk li għad jiġu warajna."

Personaġġ ieħor Bormliż li ta' kuljum kont nosservah jgħin fl-armar tadgħajjes Bormliżi kien Ġorġ Fenech magħruf bħala Ġorġ "il-Busnikk", anzjan, dħuli ħafna u li jien kont nieħu pjaċir ħafna nitkellem miegħu. Kien ħabib intimu tal-imgħallem John Brincat, u ħafna drabi kien jgħinu f'kull ħaġa li kien jitolbu. Lil Ġorġ, kont inkellmu spiss, u bejn kelma u oħra ħadt din l-intervista qasira mingħandu:

*Ġorġ, nimmaġina li int tiftakar tajjeb it-tiġrijiet qabel il-gwerra ... x'taf tgħidli fuq Bormla ta' tfulitek?*

"Jien, bħal kull Bormliż ieħor, minn dejjem kont dilettant tat-tiġrija ... niftakar ħafna mit-tiġrijiet ta' qabel il-gwerra, u niftakar tajjeb kemm Bormla kienet tajba fis-snin 30 meta l-qaddiefa tagħna kienu rebħu l-paljijiet kollha ... issa tinsiex, li meta Bormla rebħet il-ħames paljiiiet tal-ewwel, kemm-il Birgu kif ukoll l-Isla kienu armati tajjeb ħafna ... b'din ir-rebħa kbira, Bormla saret l-aqwa distrett fil-Kanal... ħadd ma seta' jżommha!

*U wara l-gwerra ... għaliex Bormla ma ħaditx sehem?*

"Wara l-gwerra l-istorja kienet differenti ħafna ... kellna kwistjoni mal-gvern fuq ix-Xatt ta' Santa Tereża u l-iskal ... qabel il-gwerra, in-nies kienu ħarġu minn Bormla, u ħafna minnhom ma rritornawx lura.

"L-opri kollha li kellna kienu tkissru fil-gwerra u d-dilettanti kienu naqqsu ħafna. Iżda meta, fl-1958, Bormla reġgħet iffurmat ruħha f'distrett u bdiet tieħu sehem fir-Regatta, allura d-dilettanti bdew jiżdiedu, u l-benefatturi bdew jagħtu d-donazzjonijiet tagħhom biex jinbnew opri ġodda mill-imgħallem Ġużeppi Cassar (Bengala) u Ġanni Brincat li jien kont nafhom tajjeb, u ġie li tajthom xi daqqa ta' id ukoll.

"Dawn iż-żewġ imgħallmin bdew id-dgħajjes għal Bormla kif ukoll għal distretti oħra , fosthom id-Dgħajsa tax-Xogħol (8 ta' Diċembru) li kienet inbniet fl-1953 u ħadna sehem bija fl-1958."

*Fil-fatt jien dejjem osservajtek tieħu ħsieb id-dgħajjes u anke tgħin fl-armar tagħhom... iżda nosserva wkoll li tmur tajjeb ħafna mal-qaddiefa tagħkom.*

"Veru, il-qaddiefa jirrispettawni ħafna, u jien nipprova nikkuntentahom f'kull ħaġa li jitolbuni.

"Bormla hija kollox għalija, u lili dejjem issibni hawn fil-maħżen ... ir-Regatta nħobbha u d-dgħajjes ngħożżhom daqs li kieku kienu tiegħi ... kif taf, jien nieħu ħsieb l-armar tal-opri kollha, u nikkopera ħafna mal-imgħallem John Brincat li issa ilu snin jieħu ħsieb il-manutenzjoni tal-opri tat-tiġrija kemm tagħna u ġieli ta' distretti oħra.

"L-akbar ferħ tiegħi jkun meta nirbħu x-Shield u nara lill-qaddiefa tagħna ferħanin u l-opri kollha f'posthom ... l-akbar dispjaċir tiegħu hu kull darba li nitilfu ... jien naf li xi darba għad infallu, iżda bħalissa, bil-qaddiefa li għandna, ma nafx min jista' jirbħilna'

Personaġġ ieħor li jien kont nafu tajjeb, u naf ukoll kemm kien iħobb ir-Regatta u lill-belt twelidu Isla hu Oscar Musu. Kien dilettant kbir, kien jifhem ħafna fl-armar, u ta' kull sena kien jinżel il-Ponta biex isegwi għal ħin twil l-aħħar provi fil-kanal.

Lil Oscar ma kontx għamiltlu intervista, iżda kieku jkolli nikteb il-ħsibijiet tiegħu dwarhom, għandi biex nikteb żewġ paġni ta' gazzetta. Darba staqsejtu minn fejn jaħseb li wieħed jista' jirrikordja tajjeb il-ħin ta' kull opra waqt l-aħħar provi li jsiru fil-kanal minn Ras Ħanżir sad-Dwana, u weġibni hekk:

"Naħseb li l-aħjar post minn fejn wieħed jista' faċilment jirrekordja l-ħin ta' kull opra waqt il-provi hu mill-Gardjola tal-Isla.

"Ovvjament, il-kanal jiġi taħtek, u bl-aħjar tromba li hawn fis-suq ma tkunx tista' tistabbilixxi eżatt jekk kull opra tkunx qed titlaq mit-tluq proprju jew 'l isfel minnu.

"Minħabba hekk, l-ebda ħin ma tista' tieħdu bħala korrett għax dejjem hemm l-element ta' dubbju minn fejn ikunu telqu ... dilettanti serji kapaċi jillokalizzawlek erba' postijiet matul il-Kanal, u jieħdulek il-ħin ta' kull opra hekk kif tasal quddiem wieħed minn dawn il-postijiet ..."